31993R0741

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 741/93

tas-17 ta' Marzu 1993

dwar l-applikazzjoni tal-prezz komuni ta' l-intervent għaż-żejt taż-żebbuġa fil-Portugall

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u b'mod partikolari l-Artikolu 234(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-kisba ta' Suq Wieħed turi x-xewqa li jitneħħew L-ostakoli kollha tal-kummerċ, mhux biss bejn l-Istati Membri ta' l-Komunità kif kostitwiti fil-31 ta' Diċembru 1985 iżda wkoll, safejn huwa possibbli, bejn dawk l-Istati Membri u l-Istati Membri l-ġodda;

Billi, taħt l-Att ta' l-Adeżjoni, l-allinjament fuq il-prezz komuni tal-prezz taż-żejt taż-żebbuġa Portugiż għandu jinkiseb gradwalment f'perjodu sal-bidu tas-sena tal-*marketing* 1995/96; billi, sa dik id-data, ammonti kompensatorji ta' adeżjoni huma għalhekk applikabbli għall-kummerċ bejn dawn il-pajjiżi u Stati Membri oħra;

Billi, iżda, filwaqt li tinżamm l-għajnuna għall-produzzjoni u l-għajnuna għall-konsum fil-livell stipulat mill-Att ta' l-Adeżjoni, l-allinjament kmieni jista' jkun maħsub, tal-prezz Portugiż fuq il-prezz komuni, minħabba l-bilanċ mill-ġdid kif provdut fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2047/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 li jistabbilixxi l-prezzijiet, l-għajnuna u l-perċentwali ta' l-għajnuna li għandhom jinżammu fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa għas-sena tal-*marketing* l-1992/93 [2],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezz komuni ta' l-intervent għaż-żejt taż-żebbuġa għandu jkun applikabbli fil-Portugall.

Artikolu 2

Il-miżuri transitorji meħtieġa biex jiżguraw il-bidla lixxa mill-arranġamenti speċifikati fl-Artikolu 290 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni għal dawk ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex jiġi evitat tgħawwiġ fix-xejriet normali normali tal-kummerċ bejn il-Portugal u Stati Membri oħra, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 38 tar-Regolament (KEE) Nru 136/66/KEE [3].

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Marzu 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

B. WESTH

[1] ĠU Ċ 21, 25.1.1993.

[2] ĠU L 215, 30.7.1992, p. 3.

[3] ĠU Ċ 172, 30.9.1966, p. 3025. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2046/92 (ĠU L 215, 30.7.1992, p. 1).